# Dati Importanti fl-Istorja tas-Siġġiewi



Mario Fenech

Sabiex inkompli fejn ħallejt bl-artiklu tiegħi tas-sena li għaddiet, se nkompli nsemmi xi ftit aktar dati importanti li fihom seħħew avvenimenti li permezz tagħhom l-istorja tar-raħal tas-Siġġiewi kompliet tissaħħaħ f'dik li hija rikkezza fl-istorja qadima tiegħu.

Waħda minn dawn id-dati li wieħed tajjeb li jsemmi hija dik ta' meta l-Isqof Tommaso Gargallo kien għamel il-vista pastorali tiegħu fir-raħal tas-Siġġiewi. Din il-vista pastorali kienet saret nhar it-3 ta' Lulju tas-sena 1594.



*L-Isqof Tommaso Gargallo*

Fir-rapport tiegħu ta' din il-vista pastorali huwa kiteb li minbarra li kien sab fi stat tajjeb dak kollu li kien hemm fil-knisja parrokkjali, huwa jsemmi wkoll knejjes oħrajn żgħar li kienu miżmuma fi stat tajjeb mill-prokuraturi tagħhom.

Il-knejjes li jissemmew huma ta' Santa Katarina, tat-Twelid tal-Madonna, ta' San Mattew, ta' Marija Assunta, ta' San Nikola, it-tieni knisja ddedikata lil Marija Assunta, ta' Ġwann il-Battista, tas-S.S.M.U. Salvatur, ta' Santa Margerita magħrufa bħala Ta' Cuerra u tnejn oħra ddedikati lil Santa Marija u lil San Ġwann il-Battista.

Uħud minn dawn il-knejjes żgħar li jissemmew fil-kitba tal-Isqof Gargallo għadhom weqfin sal-lum, oħrajn spiċċaw biex intilfu għalkollox.

Nhar it-8 ta' Diċembru 1625 kien għamel il-vista pastorali tiegħu fir-raħal tas-Siġġiewi l-Isqof Cagliares. Mill-kitba tiegħu ta' din il-vista pastorali għandna deskrizzjoni tajba ta' kif kienet il-knisja l-qadima ta' San Nikola.

Huwa jgħid li l-Altar Maġġur tal-knisja ma kien jonqsu xejn, kien hemm imwaqqfa xi fratellanzi filwaqt li kien hemm ukoll kwadru tal-Madonna tar-Rużarju mdawwar bi kwadretti żgħar bil-Misteri tar-Rużarju fihom.

Il-fratellanza tas-Sagrament li tissemma' fir-rapport kienet twaqqfet fis-sena 1575. Meta saret din il-vista pastorali l-kappillan tal-Parroċċa tas-Siġġiewi kien Dun Gian Battista Farrugia.

La qegħdin insemmu l-knisja parrokkjali l-qadima ngħidu li mal-pilastri maġġuri tal-knisja Arċipretali tal-lum hemm żewġ kwadri, wieħed ta' San Nikola u ieħor ta' San Pawl. Dawn qabel kienu f'din il-knisja l-qadima u wieħed jista' jikkonferma dan għaliex jissemmew fir-rapport tal-vista pastorali tas-sena 1625 li kien għamel fis-

Siġġiewi l-Isqof Tommaso Gargallo. Ma nafux min hu l-arist li pinġa dawn iż-żewġ kwadri.

Data reċenti li wieħed jista' jsemmi hija dik tas-sena 1986. Matul din is-sena nħadmu l-bradella flimkien mal-bankun tal-istatwa titulari ta' San Nikola. Nħadmu mill-imgħallem Nikola Buhagiar mis-Siġġiewi stess, l-iskultura tnaqqxet minn Ċensu Apap filwaqt li x-xogħol tal-bronż sar mid-ditta Abela. Il-bradella flimkien mal-bankun ġew imbierka nhar il-festa liturġika ta' San Nikola fis-6 ta' Diċembru 1986.

Huwa fatt importanti li dan ix-xogħol issa qiegħed jitgawda matul is-sena kollha flimkien mal-istatwa titulari fin-niċċa.

Aktar dati li jirrakkuntaw l-istorja tar-raħal tas-Siġġiewi fl-artiklu tas-sena d-dieħla.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.



*Il-kwadri ta' San Nikola li, flimkien ma' dak ta' San Pawl, illum għadna nistgħu ngawduhom ma' tnejn mill-pilastri maġġuri ta' taħt il-koppla u li fl-imgħoddi kienu fil-knisja l-qadima*



*Il-bankun li fuqu tistrieħ il-bradella bl-istatwa maestuża ta' San Nikola*